**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 7 TA' DICEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1359/01 AJD*

Godwin Mifsud ghan-nom u in rappresentanza ta' Ranger Company Ltd., ezercitanti l-kummerc taht l-isem Godwin's Garage

vs

Nicholas Sammut

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Novembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) rapprezentanti ammont dovut lill-attur nomine ghall-kiri ta' vettura 'self drive' li sar lill-konvenut ghall-perijodu bejn l-20 ta' Novembru, 2000, u l-24 ta' Jannar, 2001, liema hlas baqa' ma sarx, skond kif jirrizulta mill-ftehim (Dok. A).
Bl-ispejjes, u bl-interessi legali, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Rachel Montebello li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lill-attur nomine. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) bl-imghaxjiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR

-